



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13136/18
ADD 1
LIMITE
PV CONS 51
AGRI 477
PECHE 398

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
15 ta' Ottubru 2018

WERREJ

Paġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

SAJD

3. Regolament li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd fil-Baħar Baltiku għall-2019 3

AGRIKOLTURA

4. Laqgħa Ministerjali tal-Agricoltura tal-G-20 (Buenos Aires, 27-28 ta' Lulju 2018)..... 3

SAJD

6. UE-Norveġja: Konsultazzjonijiet annwali għall-2019 (Bergen, 26-30 ta' Novembru 2018) 3

7. Laqgħa Annwali tal-ICCAT (Dubrovnik, 12-19 ta' Novembru 2018) 3

Affarijiet oħra

8. a) Diffikultajiet fis suq taz-zokkor tal-UE..... 4
b) Elezzjoni tal-2019 tad-Direttur Ġenerali li jmiss tal-FAO..... 4
c) Elezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV): Kandidatura Spanjola..... 4
d) Deni Afrikan tal-ħnieżer: Sitwazzjoni attwali..... 4

- ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 5

*

* *

Attivitajiet mhux leġislattivi

SAJD

3. **Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-2019** ☐ 13000/18
11735/18 + ADD 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku unanimu dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku. Fid-dawl tal-hteġa ta' adozzjoni f'waqtha, il-Kunsill qabel li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill.

AGRIKOLTURA

4. **Laqgħa Ministerjali tal-G-20 dwar l-Agricoltura**
(Buenos Aires, 27-28 ta' Lulju 2018)
Informazzjoni mill-Kummissjoni
Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

SAJD

6. **UE-Norveġja: Konsultazzjonijiet annwali għall-2019** 12691/18
(Bergen, 26-30 ta' Novembru 2018)
Skambju ta' fehmiet
Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-konsultazzjonijiet annwali għall-2019 bejn l-UE u n-Norveġja.
7. **Laqgħa Annwali tal-ICCAT (Dubrovnik, 12-19 ta' Novembru 2018)** 12695/18
Skambju ta' fehmiet
Il-Kunsill ħa nota tal-fehmiet tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni dwar il-laqgħa annwali tal-ICCAT ta' din is-sena.

Affarijiet oħra

Agrikoltura

8. a) **Diffikultajiet fis suq taz-zokkor tal-UE** 12915/18
Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Taljana dwar is-sitwazzjoni fis-settur taz-zokkor, ta' kummenti ta' Stati Membri oħra, u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.
- b) **Elezzjoni tal-2019 tad-Direttur Ġenerali li jmiss tal-FAO** 13041/18
Informazzjoni mill-Presidenza
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza rigward ir-riżultat tal-proċess informali tal-UE bl-għan li jiġi identifikat kandidat uniku tal-UE għall-elezzjoni li jmiss tad-Direttur Ġenerali tal-FAO.
- c) **Elezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV): Kandidatura Spanjola** 12924/18
Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola.
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Spanjola fir-rigward tal-kandidat tagħhom għall-kariga ta' Direttur Ġenerali tal-OIV u l-appoġġ espress minn xi delegazzjonijiet oħra.
- d) **Deni Afrikan tal-ħnieżer: Sitwazzjoni attwali** 12946/18
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali tad-deni Afrikan tal-ħnieżer. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti magħmula minn diversi delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni.

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dok. 12933/18

Rigward il-punt "A" Nru 7: **Regolament li jiffissa ċerti għajnuniet u rifiżjonijiet rigward il-limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat**
Adozzjoni
 approvat mill-KSA fis-17.09.2018

DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

"Il-Litwanja tifhem il-kumplessità tas-sitwazzjoni fis-settur tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP, skimmed milk powder). Ġew akkumulati stokkijiet kbar permezz ta' intervent pubbliku fl-imgħoddi u aktar minn 30 % biss tal-kwantità totali ġiet mibjugħa s'issa minn proċedura ta' sejħa għall-offerti matul perijodi ta' kważi sentejn. Dan il-fatt għadu qed ipoġġi pressjoni sostanzjali fuq is-suq.

Madankollu, l-intervent pubbliku rriżulta bħala miżura ta' *xibka ta' sikurezza* importanti ħafna matul il-kriżi reċenti fis-settur tal-ħalib. Mill-perspettiva tal-Litwanja, is-sitwazzjoni tas-suq tal-SMP għadu mhux stabbilizzat u l-prezzijiet għadhom volatili.

Filwaqt li titqies id-data tal-bidu tas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni l-għdida (1 ta' Marzu 2019) meta d-dispożizzjonijiet ġodda jistgħu jsiru applikabbli u s-setgħa leġislattiva esklużiva tal-Kunsill li jadotta tali Proposta bi proċedura relattivament mgħagħla, **il-Litwanja hija profondament konvinta li m'hemm l-ebda bżonn urġenti biex il-Kunsill jilleġisla issa. Il-Litwanja tissuġġerixxi li din il-Proposta tiġi diskussa għal darb'oħra fi stadju aktar tard fid-dawl tal-aktar data reċenti tas-swieq tal-prodotti tal-ħalib, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll globalment."**

Rigward il-punt "A" Nru 11: **Is-XXXVII Laqgħa Annwali tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR)**
(Hobart, Awstralja, 22 ta' Ottubru sat-2 ta' Novembru 2018)
Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"F'konformità mal-pożizzjoni tagħha fil-każijiet C-626/15 u C-659/16, il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-Kunsill li l-proposti għall-istabbiliment ta' Żona Protetta tal-Baħar Antartiku fil-Lvant (EAMPA) u Żona Protetta tal-Baħar fil-Baħar ta' Weddell (WSMAP) mill-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) jenħtieġ li jiġu sottomessi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minħabba li, fid-dawl tal-għan tagħhom, kontenut u kuntest, din il-miżura taqa' fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar (l-Artikolu 3(1)(d) TFUE).

Filwaqt li, skont il-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni se tinforma lis-Segretarjat tas-CCAMLR li l-preżentazzjoni tal-proposti lis-CCAMLR issir f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex ma jkunx hemm xkiel għall-Unjoni milli taqdi r-rwol tagħha f'din il-kwistjoni, hija tirriżerva l-pożizzjoni tagħha."

Rigward il-punt
"A" Nru 19:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri u r-Repubblika ta' Singapore

Adozzjoni

Rigward il-punt
"A" Nru 20:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika ta' Singapore

Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tfakkar li hija ma pproponietx u ma għandhiex intenzjoni ttipponi l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim. Il-Kummissjoni tifhem li, f'konformità mal-prattika stabbilita sew, il-Kunsill ser joqgħod lura milli japprova l-konklużjoni tal-ftehim qabel ma l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha fl-Opinjoni 1/17. Jekk ikun meħtieġ fid-dawl ta' dik l-Opinjoni, il-Kummissjoni ser tagħmel il-proposti xierqa qabel ma l-Kunsill japprova l-konklużjoni tal-ftehim."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Ir-Repubblika tas-Slovenja hija tal-fehma li l-frammentazzjoni addizzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim fil-qasam tal-investimenti mhix meħtieġa minħabba li l-Istati Membri għandhom sistema imparzjali, indipendenti u żviluppata sew ta' qrati nazzjonali stabbiliti, kif ukoll l-iskrutinju tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. L-istabbiliment ta' sistema ta' qrati parallela jkun problematiku mill-perspettiva ta' ċertezza legali u l-ġerarkija ġudizzjarja xierqa.

Ir-Repubblika tas-Slovenja, filwaqt li tfakkar fin-natura ferm sensittiva tad-dispożizzjonijiet dwar l-investment, tqis li l-qbil tagħha li tiffirma l-Ftehim dwar Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra, mwettqa fid-dawl ta' kompromess, ma jippreġudikax il-pożizzjoni prinċipali tar-Repubblika tas-Slovenja dwar is-sistema ta' qorti tal-investment bilaterali u lanqas il-pożizzjoni tar-Repubblika tas-Slovenja li l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura tal-Opinjoni 1/17 għandha tkun prekondizzjoni għall-iffirmar tal-Ftehim.

Ir-Repubblika tas-Slovenja tenfasizza li l-opinjoni 1/17 hija importanti ħafna għall-iżvilupp tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-istati.

Fid-dawl tal-punti varji ta' tħassib espressi waqt in-negożjati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar sistema ta' qorti tal-investment, kif ukoll matul l-Opinjoni 1/17, ir-Repubblika tas-Slovenja tistenna li s-sistema ta' qorti tal-investment tibqa' tiġi żviluppata ulterjorment f'konformità mal-opinjoni tal-Qorti qabel jidħol fis-seħħ il-ftehim dwar l-IPA.

Ir-Repubblika tas-Slovenja ma tappoġġax l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim dwar l-IPA.

Ir-Repubblika tas-Slovenja tistenna wkoll li l-Kummissjoni ma ttipponix l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim qabel ma tiġi adottata l-Opinjoni 1/17 kif ukoll qabel ma s-sistema ta' qorti tal-investment tkun żviluppata ulterjorment f'konformità mal-Opinjoni 1/17."

Rigward il-punt
"A" Nru 21:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri u r-Repubblika ta' Singapore

Adozzjoni

Rigward il-punt
"A" Nru 22:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika ta' Singapore

Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

rigward il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi

"Il-Greċja tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-importanza tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) bejn l-Unjoni Ewropea u Singapore u l-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investimenti, bħala passi importanti lejn l-approfondiment tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment bejn l-UE u l-ASEAN.

Il-Greċja tfakkar li l-istess FTA ma joffrix protezzjoni diretta lill-IĠ tal-UE u li Singapore trid tiskatta l-proċeduri uffiċjali ta' oppożizzjoni għall-196 IĠ tal-UE, li huma inklużi fl-Anness għall-kapitolu tal-Proprietà Intellettwali, sabiex tikkonferma l-lista finali. Il-Greċja tinnota li eżitu sodisfaċenti għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f'Singapore qabel il-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim huwa prerekwiżit għal Ftehim ta' benefiċċju reċiproku. B'mod partikolari fir-rigward tad-DOP "Feta", il-Greċja tqis bħala meħtieġ li tingħata protezzjoni sħiħa bħal fil-każ tal-IĠ tal-UE l-oħra ta' importanza ekonomika kbira.

Il-Greċja tenfasizza li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-iżvilupp reġjonali u l-impjiegi. Il-Greċja tfakkar ukoll l-impenn tal-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-Ftehimiet CETA u SADC b'mod partikolari: a) li tikseb l-aħjar livell ta' protezzjoni possibbli tal-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati kollha tal-UE, inkluż id-DOP "Feta", fin-negozjati li għaddejjin jew daww futur għal Ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, u b) li tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-protezzjoni tad-DOP "Feta" mhux biss fl-UE iżda wkoll fis-swieq ta' pajjiżi terzi, fir-rigward tal-prattiki inġusti possibbli kollha li jwasslu għall-misinformazzjoni tal-konsumatur. Barra minn hekk, il-Greċja tilqa' l-assigurazzjonijiet tal-Kummissarju Malmström li jinsabu fl-ittra tagħha tal-1 ta' Ġunju 2018, li l-Kummissarju tibqa' fiduċjuża li d-DOP "FETA", bħall-IĠ l-oħra kollha tal-UE ta' valur għoli, ser jiġu protetti f'Singapore skont it-termini ta' protezzjoni stabbiliti fl-FTA.

B'kont meħud ta' dan, il-Greċja tagħti l-approvazzjoni tagħha fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-UE, tal-FTA bejn l-UE u r-Repubblika ta' Singapore u tiddikjara li tistenna li d-DOP "FETA" tiġi rreġistrata bħala indikazzjoni ġeografika bi drittijiet esklużivi f'Singapore. Il-Greċja tirriżerva l-pożizzjoni tagħha rigward l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-FTA bejn l-UE u Singapore li ser tkun kondizzjonali fuq l-eżitu fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni tad-DOP "Feta" fis-Suq ta' Singapore."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

rigward il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

"L-Italja tagħraf l-importanza tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u Singapore fil-qafas tar-relazzjonijiet strateġiċi, kummerċjali u ta' investiment, bejn l-Unjoni Ewropea u l-ASEAN. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles huma strument importanti biex jiġi żgurat aċċess reċiproku u ta' benefiċċju komuni għas-suq, tittejjeb il-governanza globali f'oqsma bħalma huma l-kondizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà alimentari, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-ambjent. Il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles jirrappreżentaw ukoll strument legali essenzjali għall-protezzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li tinkludi ftehimiet multilaterali (il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra) kif ukoll bilaterali.

F'dan ir-rigward, fil-fehma tal-Italja, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u Singapore huwa ta' importanza fundamentali għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kemm bħala dritt ta' proprjetà intellettuali kif ukoll bħala parti mill-wirt kulturali tal-Italja u tal-UE.

F'dan ir-rigward, l-Italja tixtieq tfakkar li l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore ma joffri ebda protezzjoni diretta lill-196 indikazzjoni ġeografika Ewropea inklużi fl-Anness għall-kapitolu dwar il-proprjetà intellettuali u li biex jitqiesu bħala protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE ser ikollhom jiġu eżaminati u jgħaddu minn proċedura ta' oppożizzjoni waqt il-proċedura ta' reġistrazzjoni f'Singapore. Din il-proċedura ta' reġistrazzjoni ser tkun tista' tiġi applikata biss ladarba tkun ġiet adottata l-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u ladarba jkun ġie stabbilit ir-reġistru ta' Singapore għall-indikazzjonijiet ġeografiċi, wara li l-Parlament Ewropew ikun ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kummerċ ħieles. Huwa biss fi tmiem din il-proċedura li l-awtoritajiet ta' Singapore ser ikunu jistgħu jikkonfermaw il-lista finali, mingħajr ebda ċertezza rigward ir-reġistrazzjoni jew iċ-ċaħda ta' kull IĠ elenkata.

L-Italja tixtieq tfakkar li l-awtoritajiet ta' Singapore impenjaw ruħhom li jiżguraw ir-rapidità tal-proċedura amministrattiva u li jivverifikaw in-natura ġenerika meta din tintuża għall-oppożizzjoni. filwaqt li hađu wkoll impenji oħra biex iserrħu ras il-kontroparti Ewropea. Wara konsultazzjoni pubblika informali min-naħa ta' Singapore, diġà ġiet ikkomunikata lista ta' ismijiet li x'aktarx ser ikun hemm oppożizzjoni għalihom, inkluż il-Fontina DOP.

F'dan il-kuntest, l-Italja tissottolinja li eżitu sodisfaċenti għall-protezzjoni effikaċi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha tal-UE f'Singapore qabel il-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim huwa prerekwiżit għal ftehim li jkun ta' vantaġġ għal kulħadd.

L-Italja għaldaqstant tistieden lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem bla heda mal-awtoritajiet ta' Singapore biex jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet ġeografiċi kollha tal-UE jiġu protetti skont il-klawżoli ta' protezzjoni stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles.

B'kont meħud ta' dan t'hawn fuq, l-Italja tagħti l-kunsens tagħha għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-UE, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika ta' Singapore u ttenni li hi tistenna li l-IĠ kollha jiġu rreġistrati f'Singapore bħala indikazzjonijiet bi drittijiet esklużivi, mingħajr ebda eċċezzjoni jew limitazzjoni (inklużi l-annessi tan-noti), biex b'hekk jiġu ssalvagwardjati kemm il-produtturi leġittimi tal-IĠ kif ukoll il-konsumaturi.

L-Italja tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-

Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika ta' Singapore; li ser tkun soġġetta għall-eżitu pożittiv tar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni totali tal-IĠ Taljani elenkati, permezz tal-ftehim ta' kummerċ ħieles fit-territorju ta' Singapore."

DIKJARAZZJONI UNILATERALI MILL-IRLANDA

"Jekk l-implimentazzjoni tal-Ftehim mill-Unjoni Ewropea tkun teħtieġ rikors għal miżuri skont it-
Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet
tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà
u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea, ser jiġu rispettati kompletament."
